**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A04-12

24 ta' Mejju 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/04**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Ħamis 31 ta' Mejju 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni dwar l-Infrastruttura
6. Diskussjoni dwar *E.U. Programmes* mar-rappreżentanti mill-MEUSAC
7. Diskussjoni u approvazzjoni ta' Sejħa għall-Offerti għall-*cleaning, maintenance, upkeep & embellishment of parks, public gardens and soft areas, using environmentally friendly products.*
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali IL-Gżira

27 ta' Ġunju 2012

Ref Nru.Klg6/004

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/004 li saret il-Ħamis 31 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Charles Micallef St. John, Victor Rutter u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendew għall-parti mill-laqgħa s-Sinjuri Alison Camilleri u Alan Buhagiar rappreżentanti tal-Meusac

**Skużat**

Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba li urġentament kellu jmur l-Isptar ma' membru tal-familja tiegħu.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-24 ta' Mejju 2012.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg6/004 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Iċ-*Chairman* qal, li minħabba l-fatt li l-Kunsillier Joe Camilleri ma kienx ser ikun preżenti għall-laqgħa, l-korrezzjonijiet ta' dan il-Kunsillier kien ser iressaqhom hu minħabba li kien bagħathomlu permezz ta' *e-mail* li kienu:

**Paġna Nru: 2** – l-ewwel paragrafu jrid jiġi rtirat jiġifieri, minn 'Il-Kunsillier Joe Camilleri qal', sa 'kien kiteb'

**Paġna Nru: 4 para 1.4** – l-aħħar paragrafu jrid jieqaf sal-kliem 'azzjoni tiegħu'.

**Paġna Nru: 6** – l-ewwel paragrafu jrid jinqara 'Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li fil-laqgħa li kellu ma' l-Ispettur Sultana fit-2 ta' Mejju 2012, kien ddiskuta din il-materja ma' l-Ispettur'.

Dawn il-korrezzjonijiet ġew imressqa miċ-*Chairman*, ssekondati mill-Viċi-Sindku.

**1.3** Iċ-*Chairman* qal, li rigward it-trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv huwa jħoss li għandu jkun hemm rifless fuq il-kitba tal-minuti u jsir element ta' kjarifika u l-motivazzjoni hi minħabba s-sitwazzjoni anomola u skomoda li fil-Kunsill jaħdmu tlett *full-timers* li jiġu minn xulxin li fl-opinjoni tiegħu, din is-sitwazzjoni mhix konfortevoli kemm għas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll għall-i*staff*. Huwa kompla jgħid, li peress li s-Segretarju Eżekuttiv hi l-uniku mpjegat taċ-ċivil, kienet tista' ssejjaħ *transfer* imma tibqa' bl-istess kundizzjonijiet. Kienet dik il-motivazzjoni li hu kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibda l-proċess ta' trasferiment u kien għalhekk, li xtaq jagħmel din il-kjarifika.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li invista ta' din il-kjarifika, hu kien ser jirtira l-kummenti tiegħu għaliex ma kienx konxju tal-fatt li ċ-*Chairman* kien ta kelma lis-Segretarju Eżekuttiv li hu ma jiżvalax dak diskuss bejniethom.

Minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet/kjarifiki, l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joseph M Muscat.

Minħabba li kienu waslu r-rappreżentanti tal-*MEUSAC*, iċ-*Chairman* talab biex tiġi diskussa *item* Nru: 6 ta' l-*Agenda* – Diskussjoni dwar *E.U. Programmes.*

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 6. Diskussjoni dwar *E.U. Programmes*

**6.1** Fil-5.35 p.m. daħlu għall-laqgħa s-Sinjuri Alison Camilleri u Alan Buhagiar, rappreżentanti tal-*MEUSAC*.

Iċ-*Chairman* irringrazzja lis-Sinjuri sopracitati u filwaqt li ntroduċa s-suġġett qal, li fil-Kunsill ir-responsabbilita' ta' dawn il-proġetti kien assumija hu minħabba l-fatt li għandu esperjenza tagħhom mix-xogħol privat tiegħu. Hu stieden lis-Sinjuri Camilleri u Buhagiar sabiex jaġġornaw lill-Kunsill dwar il-ħidma li toffri l-*MEUSAC*.

Is-Sna Camilleri qalet, li l-għan prinċipali tal-*MEUSAC* hu:

- li toffri informazzjoni mill-Unjoni Ewropea
- kif il-leġislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea taffettwa lil Malta
- tindiriza il-prijoritajiet tal-Kunsilli Lokali skont l-400 fond li toffri l-U.E. u jgħinu fil-mili ta' l-applikazzjoni sabiex jintlaħqu s-sottomissjoniiet tad-*deadlines*
- tinforma bis-sejħiet skont l-interess tal-Kunsilli Lokali

Hi kompliet tgħid, li minħabba l-*budget costs* li saru, l-fond tal-kofinanzjarjament ġie magħluq mandanakollu, il-*co-financing application* timtela xorta waħda bl-għan li tinħoloq ordni ta' mertu tas-sottomissjonijiet sabiex jekk il-fond jerġa' jinfetaħ, il-Kunsilli Lokali jibbenefikaw skont il-preferenza tas-sottomissjoni.

Għalhekk, filwaqt li talbet lill-Kunsill jinfurmaha bil-preferenzi tiegħu, staqsiet jekk dan il-Kunsill qattx ssottometta applikazzjoni għall-fond mill-Unjoni Ewropea.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affirmattiv u nfurmat li l-applikazzjoni sottomessa fid-29 t'Ottubru 2009, kienet tifforma parti mill-*Youth in Action Programme* għall-liema applikazzjoni, l-Kunsill qatt ma ġie nfurmat jekk it-talba tiegħu ġietx milqugħa jew le.

Iċ-*Chairman* qal li bla dubju, dan il-Kunsill Lokali ikun interessat li jipparteċipa f'ġemellaġġi ta' skambji kulturali fl-lokalitajiet viċin Malta sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-*low cost airlines*.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal, li l-Kunsill għandu jagħżel lokalitajiet b'konnessjoni mal-Gżira, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid, li dan il-Kunsill Lokali kien diġa' ġemellat ma Glyfada fil-Greċja u

Walyzbrch fil-Polonja fejn għall-ewwel lokalita' l-Kunsill kien tella delegazzjoni ta' seba' u tletin persuna minn oqsma soċjali, kullturali, reliġjużi, politiċi. t'infurzar u turistiċi tal-lokalita' u għalhekk, setgħet tiġi kunsidrata re-attivazzjoni ta' dan il-ġemellaġġ.

Għalll-mistoqsija taċ-*Chairman* jekk il-*MEUSAC* toffrix għajnuna f'ġemellaġġi, s-Sna Camilleri wieġbet, li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali joffri għajnuna finanzjarja għal meta tkun ser issir iż-żjara fil-lokalita' gemellata, meta jkun hemm delegazzjoni ta' ħamsa u għoxrin persuna għal żjara ta' anqas minn għaxar tijiem liema għajnuna finanzjara, ma taċċedix €5,000 u għalhekk, il-parteċipanti jkunu jridu jħallsu wkoll.

Iċ-*Chairman*, qal, li sezzjoni oħra li dan il-Kunsill Lokali huwa interessat fiha, huwa dwar applikazzjonijiet relatati ma' *re-newable energy* għall-postijiet pubbliċi bħal il-Ġnien tal-Gżira u l-*Promenade* x-Xatt.

Is-Sur Alan Buhagiar qal, li l-U.E. toffri programm *ERDFAXIS 4* li l-kofinanzjarjament tiegħu hu nofs bin nofs liema programm l-għan prinċipali tiegħu hu, l-użu effiċjenti ta' l-enerġija tramite ta' sistemi alternattivi fosthom dik solari u bit-turbini tar-riħ kif ukoll, tagħmel kampanji edukattivi ta' kif in-nies jużaw tajjeb l-enerġija mingħajr ħela.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li dan il-Kunsill Lokali diġa' jagħmel użu minn bozoz PL u għalhekk ikun tajjeb li tiġi esplorata l-idea ta' użu ta' enerġija solari għall-postijiet pubbliċi rekreattivi kif ukoll spjegat, li fid-*drafting* tas-sejħa għall-offerti tal-manutenzjoni tal-Ġnien, dan ġie magħmul skont il-*Green Public Prokurment* biex jintlaħqu aħjar dawn l-għanijiet. Hi kompliet tispjega, kif dan il-Kunsill Lokali kien wieġeb pożittivament it-talba ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jifforma parti mill-kampanja edukattiva tad-*digital switch over*.

Għal-mistoqsija taċ-*Chairman* dwar fondi għall-proġetti nfrastrutturali, għall-proġetti relatati ma' tisbieħ u tranġar ta' pjazzez, is-Sna Camilleri wieġbet, li l-fond ta' l-U.E. jitratta proġetti akbar għaliex huwa aktar orjentat lejn il-fatt li b'riżultat ta' infrastruttura aħjar, jiżdied it-turiżmu kif ukoll, kull post inkluż bini ta' restawrazzjoni irid ikun devolut lill-Kunsill.

Hi kompliet tgħid, li l-*MEUSAC* kienet avviċinata sabiex jiġu *upgraded* il-*promenades* fattur, li filwaqt li Segretarju Eżekuttiv qalet li kien sar konsultazzjoni dwarhom, dan il-Kunsill qatt ma kien avviċinat biex jifforma parti mill-applikazzjoni.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Victor Rutter jekk hemmx fond relatat ma' attivitajiet sabiex ikun jista' jiġi provdut finanzjarjament għall-attivitajiet sportivi biex jiġu organizzati mini giocchi senza frontieri, s-sna Camilleri wieġbet, li m'hemmx fond relatat ma' *equipment* iżda kif kienet spjegat aktar qabel, il-fondi huma aktar relatati ma' safar, skambj kulturali u taż-

żagħżagħ u gemellaġġi madanakollu, l-Kunsill jista' jressaq il-proposta tiegħu tramite s-sur Mifsud fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Iċ-*Chairman* staqsa wkoll, dwar fondi relatati ma' *Ageing Society* minħabba l-fatt li 65% ta' din il-lokalita' hi magħmula minn Anzjani u xtaq jesplora l-possibbilita' li tiżdied l-aċċessibbilita' b'ideat innovattivi u dan propju fis-sena dedikata għal *Active Ageing*.

Hu kompla jgħid, li xtaq jivverifika wkoll jekk kienx hemm xi skema li tista tgħin fit-tqassim ta' l-ikel provdut mill-U.E.

Is-Sna Camilleri wieġbet, li filwaqt li dawn it-talbiet jistgħu jgħaddu taħt il-fond ta' l-*European Regional Development Fund*, dan il-fond qatt ma nfettaħ.

Għat-talba ta' konferma mis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-finanzjarjament, s-Sna Camilleri qalet li l-fond ta' l-*ERDF Progammes* hu magħmul minn 85% mill-U.E. u 15% mill-Kunsill filwaqt, li fejn jidħlu programmi dwar l-użu ta' l-enerġija dawn ikunu nofs bin-nofs.

Għall-informazzjoni mogħtija mis-Sindku dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-*ESF Project,* is-Sna Camilleri qalet li l-Kunsill irid joqgħod attent għaliex l-iskema ta' finanzjarjament hi differenti minn dawk li għalihom toffri assistenza lil-*MEUSAC*.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha għad-diskussjoni, iċ-*Chairman* rringrazzaja lir-rappreżentanti tal-*MEUSAC* ta' l-ispjegazzjoni dettaljata li taw li bla dubju tagħat idea aktar ċara lill-membri tal-Kunsill dwar dawn il-fondi.

Is-Sinjuri Alison Camilleri u Alan Buhagiar telqu fis-6.15 p.m.

Minħabba li kien wasal is-Sur Ivan Stivala, rappreżentant ta' *C. Stivala & Sons Ltd* dwar talba għall-installazzjoni ta' *Tower Crane* fi Triq Ponsonby, iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-laqgħa u tiġi diskussa din ill-materja.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tat-*tower cranes* li kienu ġew installati mill-istess ditta sopracitata fi Triq Reid u Triq Sir Patrick Stuart.

Inqrat *e-mail* mibgħuta minn din id-ditta fejn ġie spjegat li t-*tower crane* kien diġa' ġie nstallat bejn Nru: 48 -52 Triq Ponsonby u kien tneħħa minħabba li kien sar ir-*resurfacing* f'din it-triq fil-fratemp ta' liema, din id-ditta kienet għamlet applikazzjoni lill-*MEPA* għal xi alterazzjonijiet, liema applikazzjoni ġiet approvata riċentament.

Din id-ditta kienet qed titlob lill-Kunsill sabiex it-*tower crane* jerġa' jiġi nstallat preferibbilment qabel il-15 ta' Ġunju 2012, fejn kien

oriġinarjament u l-*enforcement structure* biex iżomm it-*tower crane* mingħajr ma ssir ħsara lill-wiċċ tat-triq, kienet saret qabel ma sar ir-*resurfacing*.

Is-Sur Stivala daħal għall-laqgħa fis-6.30 p.m. u reġa' spjega l-kontenut ta' l-*email* moqrija.

Wara diskussjoni qasira, fejn ġew diskussi diversi opzjonijiet, l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninfurmaw lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rakkomandazzjoni teknika jekk t-*tower crane* jistax jiġi nstallat fis-sit hawn fuq imsemmi.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 1** - Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dak nhar stess tal-laqgħa hi kienet iltaqgħet mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn kienet infurmata li jekk din il-vakanza timtela' minn Segretarju Eżekuttiv li qiegħed f'Kunsill ieħor, il-proċess ma jieħux fit-tul u dan minħabba l-fatt li d-Direttur jitlob biss lill *OPM* approvazzjoni ta' trasferiment minn Kunsill għal ieħor. Hi spjegat ukoll, li skont il-proċeduri u anke għas-serħan tal-moħħ ta' kull min ikun involut fil-proċess, jkun jrid jsir *interim audit.*

Iċ-*Chairman* żied jgħid, li hu kien avviċina lis-Sur Kevin Borg li hu preżentament s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Paola, li kien dispost li jassumi din il-kariga. Hu kompla jgħid, li din il-persuna għandu esperjenza ta' madwar tnax –il sena bħala Segretarju u qabel kien impjegat klerikali fil-Kunsill Lokali kif ukoll, hu abbli fl-applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Invista ta' dan hu qal, li filwaqt li jawgura lis-Segretarju Eżekuttiv preżenti fir-responsabbilta' li ser tassumi ġa la darba tiġi trasferita fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kien ddiskuta mas-Sur Borg li jibqa' għad-disponibbilta' tal-Kunsill Lokali Paola kif kien konvint li ser tkun s-Segretarju Eżekuttiv preżenti għal dan il-Kunsill u f'dan l-istadju talab l-approvazzjoni tal-Kunsill dwar n-nominazzjoni tas-Sur Borg.

Il-Kunsillier Joe Muscat qal, li mill-ispjegazzjoni mogħtija miċ-*Chairman* jidher, li s-Sur Kevin Borg hu *asset* għall-Kunsill b'esperjenza li għandu u għalhekk kien tal-fehma li l-proċess għandu jitħaffef għall-ġid tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel unaimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Muscat mal-proposta taċ-*Chairman* li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi mitlub li s-Sur Kevin Borg ikun trasferit mill-Kunsill lokali Paola għall-Kunsill Lokali l-Gżira.

**2.2 Pagna Nru: 4 para 1.4** – Matul id-diskussjoni li saret rigward il-kwestjoni ta' l-*swill room*, fejn fost affarijiet oħra, l-Kunsillier Charles

Micallef St. John qal, jekk il-Kunsill setax ikollu aċċess għall-pjanti mill-*MEPA,* l-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku kellu jivverifika dwar il-permess kif ukoll, li l-membri tal-Kunsill kellhom jiltaqgħu biex jiddiskutu din il-materja u jekk ikun il-każ, tintalab gwida dwar din il-materja.

**2.3 Paġna Nru: 8 para 3.3** – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li dwar din l-attivita' kienu ser jiġu kkuntattjati d-ditti *Print Right Ltd* għall-istampar tal-*posters,* fliers u biljetti, *Joe Chair Hire* għall-kiri ta' siġġijiet u mwejjed, il-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* għat-trasport lejn u mill-Ġnien, tal-palk li kien ser jiġi provdut mingħajar ħlas mid-Dipartiment tal-Kultura, id-ditti *Joe Bonnici & sons* u *Green Forever* għall-kiri ta' *Mobile Toilets*, Joe Spiteri għall-ikel u xorb filwaqt, li tramite tal-Parroċċa kien ser jiġi provdut l-*entertainment*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mad-ditti hawn fuq proposti.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex id-ditta *J&K Contractors Ltd* tiġi nkarigata mill-ġarr u l-installar ta' l-arblu li dan il-Kunsill kien approva waqt il-laqgħa Klg5/70 li saret fil-15 ta' Marzu 2012, li jinxtara u jitwaħħal fi Triq ix-Xatt fil-bidu tal-*bridge* ta' Manoel Island .

Il-Kunsill laqa' unanimament din it-talba.

**2.4 Paġna Nru: 9 – para 3.10** – Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva kwotazzjoni oħra dwar l-estenzjoni tas-*Central Strip* tax-Xatt permezz ta' tqiegħed ta' *single pipe bollards (2.5)* mid-ditta *J.F. Mallia Ltd* għall-prezz ta' €531.00

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li l-estenzjoni tas-*Central Strip* għandha ssir bil-konkos skont il-pjanta tal-Perit u tinħadem mid-ditta *J&K Contractors Ltd* (il-Kuntrattur attwali tal-Kunsill) għall-prezz ta' €836.45.

**2.5 Paġna 9 para 3.10.1** – B'eżitu tal-laqgħa li saret mal-Perit tal-Kunsill, il-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* u l-Viċi-Sindku fuq parir tekniku tal-Perit, il-kuntrattur ġie mitlub li jerġa' jissottometti kwotazzjoni oħra sabiex il-*culverts* miksura jsiru tal-ħadid bi ħxuna ta' 3" x 3" liema kwotazzjoni tammonta €975.00

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter kemm mar-rakkomandazzjoni tal-Perit kif ukoll man-nefqa sopracitata.

**2.6 Paġna Nru: 12 para 5.1** – Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li dan il-Kunsill rappreżentat minnu, mill-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Charles

Micallef St. John, kellhom ma' rappreżentanti tal-*MIDI* fejn ġie spjegat, li hu stmat li l-proġett tagħhom jitwettaq fi żmien tlettax –il sena madanakollu, kif joħroġ il-permess tal-*MEPA* għandu jibda x-xogħol fuq il-proġetti sportivi propjeta' tal-Gvern Centrali liema xogħol, hu stmat li jieħu madwar sentejn, tlieta u għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li l-mozzjoni tiġi miżmuma.

**2.7 Paġna Nru: 12 para 6.1** – Iċ-*Chairman* informa, li invista tal-fatt li din l-iskema kienet tinvolvi ħafna xogħol fiżiku preparattiv li skont informazzjoni li għandu kien jirrikjedi spiża konsiderevoli, kien għamel kuntatt mas-Sur Vince Azzopardi ċ-*Chairman* ta' l-iskema xogħol fil-komuinita f'ħdan l-*ETC,* fejn ġie mitlub jissottometti ittra bħala talba għall-approvazzjoni ta' ħaddiema addizzjonali biex ikunu jistgħu jgħinu f'din l-iskema.

**2.8 Paġna Nru: 13 para 8.1** – Iċ-*Chairman* informa li b'żieda mal-membri approvati fil-laqgħa preċedenti tal-Kumitat taż-Żgħażagħ kien qed iressaq għall-approvazzjoni, n-nominazzjonijiet ta' Roxanne Bugeja, Daniel Bruno u Matthew Ciantar.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.9 Paġna Nru 14 para 9.1 –** *Summer Music Nights* – Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John in-nefqa ta' €93 kull serata u €50 għall-kantant tas-60's night li jibdew isiru fix-Xatt kull nhar ta' Ġimgħa mit-13 ta' Lulju sal-31 t'Awwissu 2012.

Iċ-*Chairman* qal, li għal din is-sena l-Kunsill kien ser japprova din in-nefqa pero' s-sena li ġejja s-sitwazzjoni tkun mod ieħor.

**2.10 Paġna Nru: 14 – para 9.2** – Invista tal-fatt, li l-post ta' *Contracts Manager* kien vakanti ċ-*Chairman* issuġġerixxa li tinħareg *Expression of Interest* u għalhekk, għandhom jiġu mħejjija r-rekwiżiti tagħha.

**2.11 Paġna Nru: 15 – para 9.6** – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li d-ditta *Cast Iron Products* infurmat li l-*litter bins* kienu waslu

Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li dawn kienu ġew ordnati biex jiġu nstallati fi Pjazza Meme Scicluna ui Triq ix-Xatt man-naħa tar-residenti wara li jitlesta l-proġett tal-bankini, l-Kunsill qabel unanimament li ġa la darba dan kien għadu ma sarx, il-*litter bins* jistgħu jitwaħħlu fi Triq ix-xatt man-naħa tal-baħar, Pjazza Meme' Scicluna u wieħed fi Triq Msida kif mitlub u ġew inkarigati l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri sabiex jiddeċiedu u jimmarkaw il-postijiet ta' fejn ser jitwaħħlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienet ser tibgħat *e-mail* lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex kull min ikun jaf b'xi kantanti mill-lokalita' tagħhom, jinfurmahom u jekk ikunu nteressati, jagħmlu kuntatt mas-Sur David Grasso.

**2.12** Inqrat *e-mail* datata 23 ta' Mejju 2012 mid-ditta *Malta Now Ltd*.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier John M. Muscat li:

- Gazzetti bla ħlas biss jistgħu jitqiegħdu fl-i*stands*.

- Dan il-permess ma jibqax validu jekk l-i*stands* jintużgħaw għall-gazzetti li trid tħallas għalihom f'liema każ, trid terġa tiġi sottomessa applikazzjoni oħra.

- Qabel ma jsir l-installar tagħhom, irid isir *on-site meeting* mal-Viċi-Sindku'

- Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jiġu mposti kundizzjonijiet addizzjonali ma' liema, l-kumpanija tkun obligata li tadderixxi altrimenti, din l-applikazzjoni ma tkunx valida.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill japprova, sakemm il-ġurnal jkun b'xejn u għalhekk jiċċurkula aktar iżda, jekk kemm –il darba din id-ditta titlob ħlas, jiġi rtirat il-permess.

**2.13.** Il-Kunsillier Victor Rutter talab li jressaq ħames materji għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill għar-raġuni li ried jitlaq fis-7.30 p.m. minħabba mpenn ieħor u li kienu li:

- l-propjetarju tal-muturi li qiegħed fi Triq Sliema k/ma' Triq Luqa Briffa, kien qed jikkawża periklu u dan minħabba l-fatt, li kien qed joħroġ diversi muturi li mhux biss jostakola l-*parking bays* iżda jpoġġihom fuq id-*double yellow lines* u fil-kantunieri.

- sabiex ikun gwidat aħjar is-sewqan, kien qed jissuġġerixxi li l-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Luqa Briffa għal Triq Sliema, għandhom iduru mat-*Traffic Island* u għalhekk kien qed jissuġġerixxi, li jiġu nstallati żewġ tabelli ta' *No-Entry* fi Triq Sliema k/ma' Triq Luqa Briffa ħdejn l-*All Seasons Fruit &*

- *Vegetables, Directional Arrow* fuq it-*Traffic Island* faċċata ta' Triq Luqa Briffa u *No Right Turn* fi Triq Luqa Briffa k/ma' Triq Sliema.

- kien ġie avviċinat mill-propjetarju ta' *Vinto Ironmongery* sabiex il-Kunsill Lokali jibda jixtri minn għandu u jitħallas bl-istess mod ta' kif jitħallsu *suppliers* oħra tal-Kunsill.

- jekk il-Kunsill kienx infurmat dwar x'azzjoni ttieħdet mill-Baruni Testaferrata dwar il-*fencing* tal-grawnd li kien qiegħed fi stat li jaqa' fuq vetturi pparkjati.

- fejn kien wasal il-proċess taċ-ċaqlieq tar-*rubberised traffic calming measure* ta' Triq Nazju Ellul.

Matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* informa, li punt Nru:1 kien ser jiddiskuttih ma' l-Ispettur ta' l-Għassa Sliema fil-laqgħa li kellu appuntata t-Tnejn 4 ta' Ġunju 2012, filwaqt li fir-rispett taż-żewġ punti l-oħra, l-Kunsill qabel unanimament magħhom b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

Dwar ir-raba' u l-ħames punt, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Baruni Testaferrata ġie mwaqqaf mill-*MEPA* minħabba l-fatt, li xogħol simili kien jirrikjedi permess minn din l-Awtorita'.

Il-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* kien informa li hu kellu *second hand* imma f'kundizzjoni tajba dawn l-i*speed moderators* għall-prezz ta' €150.00 bl-installar b'kollox.

Il-Kunsill qabel unanimament li ġa la darba dan kien l-orħos prezz, anke minn dak mogħti mid-ditta *UniKing International* li kienet installat oriġinarjament din il-*moderator*, li b'eċċezzjoni ta' truffjiet kienu ser jintużgħaw dawk li hemm għall-prezz ta' €213.65, din l-i*speed moderator* għandha ssir mid-ditta *J&K Contractors Ltd*

Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fis-7.30 p.m. minħabba mpenn ieħor.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-31 ta' Mejju 2012, kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Ittra mill-Perit Joe Bugeja dwar persentaġġi ta' varjanza fuq il-kuntratt tar-*re-surfacing* ta' toroq Stuart u Ponsonby.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-Kunsill għandu jkun gwidat mir-rakkomandazzjoni tal-Perit u cioe' li ġa la darba l-persentaġġ permessibbli mill-liġu u l-proċeduri finanzjarji nqabeż, għandha tintalab l-approvazzjoni t'Awtorita' għola mill-Kunsill u din il-materja kien ser jiddiskutiha mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fil-laqgħa li kellu appuntata miegħu fl-14 ta' Ġunju 2012.

Il-Kunsill bħalma għamel fil-passat għandu jissottometti bil-kitba dan ir-rapport lid-Dipartiment ikkupjat lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**3.4** Inqrat petizzjoni mibgħuta mir-residenti ta' Block 5 Door 1 u 2 Bini tal-Gvern Triq ix-Xatt, Gżira.

Matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* ta' rendikont ta' laqgħa li dan il-Kunsill Lokali kellu ma' rappreżentanti ta' l-Awtorita' tad-Djar l-Erbgħa 28 ta' Mejju 2012, fejn matula ġew diskussi possibbilitajiet alternattivi ta' kif il-problema mressqa fil-petizzjoni tiġi ndirizzata u dan minħabba l-fatt li skont l-istess rappreżentanti, t-talba li jsiru *gates* biex jintagħlaq il-passaġġ mix-Xatt għall-bitħa interna ma setgħetx tintlaqa' għaliex kien passaġġ pubbliku li ma jistax jiġi ristrett . L-alternattivi diskussi fosthom installar ta' *CCTV systems u upgrading* tad-dawl setgħu jsiru mill-iskemi ta' l-istess Awtorita' liema materja, ċ-*Chairman* kien ser jiddiskutiha fil-laqgħa li kien ser ikollu mas-*CEO* ta' din l-Awtorita,' Dott Albert Buttigieg li kienet appuntata għall-14 ta' Ġunju 2012.

**3.5** Inqrat ittra datata 30 ta' Mejju 2012, mis-Sna Nicolette Farrugia *production secretary* tal-produzzjoni Grajja tal-Madonna tal-Ġebla Gżira.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressq miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li invista ta' *memo* 65/2009 u artiklu 63A tal-ligi Il-Kunsill kien projbit milli jagħti donazzjonijiet u għalhekk it-talba mressqa ma setgħetx tiġi milqugħa.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier John M Muscat li ma tinstabx oġġezzjoni li jitpoġġa l-*Blood Mobile Unit* fis-17 ta'. Ġunju 2012, fi Triq ix-Xatt ħdejn il-Każin tal-Banda sakemm jinġiebu l-permessi kollha neċessarji mill-Awtoritiajiet kompetenti.

**3.7** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għall-estenzjoni tal-proġett tax-Xatt trid tiġi approvata mill-*U.I.F. Committee* u dan għaliex, dan il-Kunsill kien diġa' ngħata il-*final extention* għall-istess proġett u cioe' l-*upgrading* tal-bankini ta' Triq ix-Xatt u t-troroq taċ-ċentru.

**3.8** B'eżitu ta' *e-mail* datata 31 ta' Mejju 2012, mibgħuta mis-Sur Ray Abela dwar proġett ta' l-*E.U* bl-isem *ESF Project W.O.M.E.N,* iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-laqgħa li kien attenda għaliha fejn matula ġie diskuss, li dawk il-lokalitajiet interessati li jipparteċipaw f'dan il-proġett li għalih kien hemm allokat €200,000. kull Kunsill li jipparteċipa ried iħallas kontribuzzjoni ta' €3,000 u €300.bħala *access fee* fl-eventwalita' li l-applikazzjoni tiġi approvata.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Chalres Micallef St John kemm mal-parteċipazzjoni ta' dan il-Kunsill f'dan il-proġett, ma' l-infieq hawn fuq imsemmi kif ukoll li fl-eventwalita' li l-Kunsill jiġi mitlub iħallas iżjed, jirtira l-applikazzjoni tiegħu.

**3.9** Ġie preżentat rapport mibgħut mid-ditta *NBE Engineering Services* dwar ċertifikazzjoni tal-*maxbello outdoor gym equipment* installat mid-ditta *JGC Ltd* fil- Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard, li l-osservazzjonijiet imressqa mill-Inġiniera għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-kumpanija sabiex jiġu rimedjati, sussegwentament ta' liema, jiġi rilaxat il-pagament kif ukoll fir-rispett tal-lokazzjoni, għandha tiġi sottomessa talba lid-ditta *JGC Ltd* sabiex jikkonfermaw jekk il-garanzija ma tibqax valida fl-eventwalita' li l-Kunsill trammite tal-kuntrattur tiegħu responsabbli mill-manutenzjoni jiġi mitlub iċaqlaqa għall post ieħor fl-istess Ġnien u fl-eventwalita' li r-risposta tkun fl-affirmattiv għandhom jissottomettu kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

Iċ-*Chairman* ssuġġerixxa li għandu jitwaqqaf *Ad Hoc Committee* magħmul minn erbgħa membri tal-Kunsill u persuni tekniċi sabiex jevalwaw ir-rapport imħejji mill-*MCCAA* dwar il-*playing fields*

**3.10** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/02 minn Nru:070 sa Nru:109 (ara *appendix* Nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopraċitata ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**5. Diskussjoni dwar l-Infrastruttura**

**5.1** Din il-materja ma ġietx diskussa.

**7. Diskussjoni u approvazzjoni ta' Sejħa għall-Offerti għall-*Cleaning, Maintenance, Upkeep & Embellishment of Parks, Public Gardens and Soft Areas, using environmentally friendly products.***

**7.1** Din il-materja ma ġietx diskussa.

**8. Affarijiet Oħra**

**8.1** Il-Viċi-Sindku ressaq dawn il-punti:

- ppreżenta pjan ta' ħidma nfrastrutturali

- ta' rendikont tat-talba mressqa mir-resident John Baldacchino li joqgħod biswit l-*culverts* li hemm ħdejn it-taraġ tar-residence Zammit Clapp minħabba l-kwantita' t'ilma li jinżel.

- Hu spjega, li kien diġa' ltaqa' fuq il-post mal-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* u kien qed jistenna stima tax-xogħlijiet, madanakollu kien jeħtieġ l-intervent ukoll tal-Kunsill Lokali San Ġiljan minħabba l-fatt li l-*culverts* u t-taraġ jagħmlu ma' din il-lokalita' u kien għalhekk li T-Tnejn 4 Ġunju 2012, kien ser jiltaqa' mas-Sindku ta' San Ġiljan is-Sur Peter Bonello

- staqsa x'inhi r-raġuni l-għala l-*MIDI* tagħat permess lis-Soċjeta Filarmonika Stella Maris biex jaħarqu n-nar minn ħdejn it-*Torpedo Depot* filwaqt li ma ngħatax permess lill-Kazin tal-banda tal-Gżira

- Minħabba l-fatt, li r-rampa għall-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali li hemm quddiem ir-residenza tal-Parroċċa, kienet tiżloq ħafna, kien qed jissuġġerixxi li jsir l-istess xogħol bħalma sar fir-rispett tar-rampa ta' ħdejn il-Latrina Pubblika.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard, mal-punti mressqa u cioe' li l-Viċi-Sindku jkompli bil-pjan ta' ħidma kif preżentat, bix-xogħlijiet fi Triq Reggie Miller sabiex tiġi ndirizzata l-problema tas-Sur Baldacchino, fir-rispett tat-tielet punt il-Kunsill Lokali qal li din hi materja li trid tiġi diskussa mal-Każin tal-Banda għaliex huma jkun konċernati fuq il-ftiehim u li tiġi applikata l-istess soluzzjoni tal-Latrina Pubblika, għall-bankina ta' Triq Manoel de Vilhena.

**8.2** Iċ-*Chairman* informa li kien ġie avviċinat mill-Kappillan sabiex waqt il-ħinijiet tal-Quddies tal-Ħadd, il-*parking* oppost il-Knisja jkun riżervat għall-Persuni bi Bżonnijiet speċjali.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament, li minħabba l-fatt li l-*area* msemmija kienet diġa problematika għall-parkeġġ u ma xtaqux inaqqsu aktar parkeġġi għar-residenti, s-sitwazzjoni tibqa kif inhi u dan anke minħabba li fit-triq ta' wara il-Knisja jiġifieri Triq Reid kien hemm *Reserved Parking* għall-Persuni bi bżonnijiet Speċjali.

**8.3** Il-Kunsillier Joe Muscat qal li jeħtieġ li titressaq għall-attenzjoni tal-Pulizija l-fatt li kemm fi Pjazza Meme Scicluan kif ukoll fix-Xatt qed ikun hemm abbużi bis-sewqan ta' muturi elettriċi.

Filwaqt li ċ-*Chairman* qal, li kien ser jinforma lill-Pulizija b'dan waqt il-laqgħa li kellu ma' l-Ispettur Sultana, fl-4 ta' Ġunju 2012, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ta' kull sena l-Kumitat Konġunt li mill-1 ta' Settembru 2011, ġie assorbit fir-Reġjun Ċentru jipprovdi servizz ta' żewġ gwardjani li jagħmlu ronda filgħaxija tul ix-xtut inkluż dak tal-Gżira.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1** l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/04**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/04 31.05.2012** **Data:** **04.05.2012 - 31.05.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Aldo Vella & Associates | €177.00 | €177.00 | D | Legal Advice - mains laying in Gzira | 06.05.2012 | MV/650/5-12 | 070 | | | 7774 |
| 2 | G4S Security Serv. Malta Ltd | €60.88 | €60.88 | D | Cash In Transit - April 2012 | 30/04/12 | GS004992 | 071 | | | 7775 |
| 3 | Squire p/copy Bureau | €31.15 | €31.15 | D | Colour Photocopies & Stationery | 01/04/12 | | 072 | | | 7776 |
| 4 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | Street Sweeping Services - April 2012 | 03.05.2012 | 12_2493 | 073 | | | 7777 |
| 5 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Street Sweeping On Sundays - April 2012 | 03.05.2012 | 12_2494 | 074 | | | 7778 |
| 6 | Neville's Printing Palace | €288.00 | €288.00 | D | 48 White T-shirts Clean Up Day 11.05.2012 | 10.05.2012 | 00583 | 075 | | | 7779 |
| 7 | Neville's Printing Palace | €72.00 | €72.00 | D | 12 White T-Shirts Clean Up Day 17.05.2012 | 14.05.2012 | 00584 | 076 | | | 7780 |
| 8 | Venture Trading | €66.37 | €66.37 | D | Stationery - A-4 Paper | 05.05.2012 | 018749 | 077 | | | 7781 |
| 9 | Miller Distributors Ltd | €48.75 | €48.75 | D | Promotional Book Tokens - Jum il-Gzira | 09.05.2012 | 143157 | 078 | | | 7782 |
| 10 | P.A.R.K | €56.00 | €56.00 | D | Trees to be planted - 11.05.2012 Jum il-Gzira | 09.05.2012 | 048/12 TQA | 079 | | | 7783 |
| 11 | P.A.R.K | €14.00 | €14.00 | D | Tree to be planted - 17.05.2012 Jum il-Gzira | 17.05.2012 | 051/12 TQA | 079 | | | 7783 |
| 12 | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | €144.00 | €144.00 | D | Laqgħa tas-Sindki 25-26 May Dolmen Hotel | 08.05.2012 | | 080 | | | 7753 |
| 13 | Alfa Co. Ltd | €61.17 | €61.17 | D | Copies & Rentals - 01.04.12 - 30.04.2012 | 30.04.2012 | 82378 | 081 | | | 7784 |
| 14 | Alfa Co. Ltd | €108.32 | €108.32 | D | Copies & Rentals - 13.03.12. - 12.04. 2012 | 30.04.2012 | 82376 | 081 | | | 7784 |
| 15 | ARMS | €318.01 | €318.01 | D | W&E 16.02.12 - 05.04.2012 Admin Office | 12.05.2012 | 15203754 | 082 | | | 7785 |
| 16 | Alfa Co. Ltd | €2.75 | €2.75 | D | Eco Tax - Toner | 17.05.2012 | 82710 | 083 | | | 7786 |
| 17 | Paparukei Catering | €93.00 | €93.00 | D | Jum il-Gżira | 16.05.2012 | | 084 | 039/040 | | 7787 |
| 18 | Joe Bugeja & Associates | €109.98 | €109.98 | T | Arch Services - March 2012 | 15.05.2012 | RFP 933 | 085 | | | 7788 |
| 19 | Joe Bugeja & Associates | €54.99 | €54.99 | T | Arch Services - April 2012 | 15.05.2012 | FRP 934 | 086 | | | 7789 |
| 20 | EcoPure | €16.99 | €16.99 | D | Drinking Water for Admin Office | 22.05.2012 | 516462 | 087 | | | 7790 |
| | **Sub Total c/f** | **€6,690.73** | **€6,690.73** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€6,690.73** | **€6,690.73** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/04**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/04 31.05.2012** **Data:** **04.05.2012 - 31.05.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €91.48 | €91.48 | T | | Traffic Signs as per Job No: 9298 | 08.05.2012 | 16404 | 088 | | | 7791 |
| 22 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €251.76 | €251.76 | T | | Road Markings as per Job No: 11505 | 16.04.2012 | 16427 | 089 | | | 7792 |
| 23 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €155.94 | €155.94 | T | | Road Markings as per Job No: 11506 | 16.04.2012 | 16428 | 090 | | | 7793 |
| 24 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €434.84 | €434.84 | T | | Road Markings as per Job No: 11507 | 16.04.2012 | 16429 | 091 | | | 7794 |
| 25 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €888.91 | €888.91 | T | | Road Markings as per Job No: 11514 | 16.04.2012 | 16434 | 092 | | | 7795 |
| 26 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €154.26 | €154.26 | T | | Road Markings as per Job No: 11515 | 16.04.2012 | 16435 | 093 | | | 7796 |
| 27 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €1,255.02 | €1,255.02 | T | | Road Markings as per Job No: 11508 | 16.04.2012 | 16436 | 094 | | | 7797 |
| 28 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €83.33 | €83.33 | T | | Road Markings as per Job No: 11517 | 03.05.2012 | 16463 | 095 | | | 7798 |
| 29 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €358.77 | €358.77 | T | | Road Markings as per Job No: 11518 | 03.05.2012 | 16464 | 096 | | | 7799 |
| 30 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €211.98 | €211.98 | T | | Road Markings as per Job No: 11519 | 03.05.2012 | 16465 | 097 | | | 7800 |
| 31 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste - April 2012 | 15.05.2012 | 22604 | 098 | | | 7801 |
| 32 | Polidano Bros. Ltd | €9,682.13 | €9,682.13 | T | | lst payment re-surfacing Triq Stuart | 13.04.2012 | 122519 pt | 099 | | | 7702 |
| 33 | J.F. Mallia Ltd. | €935.95 | €935.95 | D | | Maint Bozoz Job Nos:251-52-53-55-56 | 16.05.2012 | 733 | 100 | | | 7802 |
| 34 | GO plc | €78.16 | €78.16 | D | | Calls April - Rent May 2012 - 334254/341034 | 10.05.2012 | 28010116 | 101 | | | 7763 |
| 35 | GO plc | €58.22 | €58.22 | D | | Calls April - Rent May 2012 - 21322157 | 10.05.2012 | 28010634 | 102 | | | 7762 |
| 36 | GO plc | €20.10 | €20.10 | D | | Calls April - Rent May 2012 - 21341616 | 10.05.2012 | 28010120 | 103 | | | 7761 |
| 37 | Sahara Int. Ltd | €810.00 | €810.00 | D | | 1 Hinged Fibreglass Flagpole x 12 meters (40 ft) | 29.05.2012 | | 104 | | | 7814 |
| 38 | J&K Contractors Ltd | €698.54 | €698.54 | T | | mwpatching 06.12 - Gzira Rd/Victory C/Clinic | 29.05.2012 | 1279-12 | 105 | | | 7803 |
| 39 | The Toolbox | €83.90 | €83.90 | D | | Maint of Fountanin - Safety Wear Philip ETC | 15.04.2012 | 11056 | 106 | | | 7804 |
| 40 | The Toolbox | €26.40 | €26.40 | D | | Disposable Gloves - Clean Up Day | 08.05.2012 | 11081 | 106 | | | 7804 |
| | **Sub Total c/f** | **€20,344.08** | **€20,344.08** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€6,690.73** | **€6,690.73** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,034.81** | **€27,034.81** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/04**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/04 31.05.2012** **Data:** **04.05.2012 - 31.05.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Gżira Local Council | €4,741.10 | €4,741.10 | D | Salaries for the month of May 2012 | | 107 | | | 938, 939, 941, 940, 942, 943 |
| 42 | Gżira Local Council | €521.83 | €521.83 | D | Honoraria | | 108 | | | 938 |
| 43 | Gżira Local Council | €1,787.27 | €1,787.27 | D | C.I.R. - May 2012 | | 109 | | | 944 |
| 44 | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€7,050.20** | **€7,050.20** |
| **Sub Total b/f** | **€27,034.81** | **€27,034.81** |
| **Total** | **€34,085.01** | **€34,085.01** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier